MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2011

Numru 905/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**vs**
**JOSEPH BIANCHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Bianchi ta’ disgha u tletin sena (39) bin Emmanuel u Lucia nee’ Schembri, imwieled l-Isla fl-24 ta’ Awwissu, 1971, li joqghod fil-font Nru. 172, Triq il-Vitorja, l-Isla, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 386071(M), akkuzat:

A) Talli nhar is-7 ta’ Awwissu, 2011, ghal habta tas-6.30 ta’ filghodu, filwaqt li kien fl-inhawi ta’ Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta’ Bormla, bi vjolenza u b’theddid gieghel lill-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u l-kuntistabbli tal-Pulizija 2 Glenn Ellul, bhala ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma

jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

B) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u l-kuntistabbli tal-Pulizija 2 Glenn Ellul, bhala persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni mghoti skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti;

C) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, ingurja, jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia u l-kuntistabbli tal-Pulizija 2 Glenn Ellul, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

D) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, volontarjament ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia, bhala persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skont il-Ligi minn awtorita' kompetenti, liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem; jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfregju fl-idejn, skont kif icceretifikat minn Dr. Alessandra Baldacchino M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;

E) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, ma obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

F) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, kkawza hsara volontarja cioe' billi qattgha parti mill-uniformi tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1496 Godwin Farrugia, liema hsara teccedi it-tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda mhux izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbajn centezmu (€116.47), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

G) Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, kkawza hsara volontarja, cioe' billi qatta parti mill uniformi tal-kuntistabbli tal-Pulizija 2 Glenn Ellul, liema hsara teccedi t-tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda mhux izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbajn (€116.47), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

H) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla, xjentement gharraq jew hassar hwejjeg mobbli jew immobbli cioe' fuq il-'windscreen' ta' wara ta' vettura ta' l-ghamla Daihatsu, mudell Charade ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: AAA-118, ghad-dannu ta' l-ex-mara tieghu Susan Bianchi minn Bormla u persuni ohra u liema hsara teccedi il-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbajn centezmu (€116.47);

I) Talli fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

J) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, filwaqt li kien fl-inhawi ta' Fuq San Pawl, gewwa Bormla u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, qal kliem oxxen, indecenti u dagha;

K) Talli nhar is-7 t'Awwissu 2001, ghal habta tas-6.00 ta' filghodu u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom meta hu kien jaf jew misshu kien jaf b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza';

L) Talli nhar is-7 t'Awwissu 2001, ghall-habta tas-6.00 ta' filghodu, filwaqt li kien fl-inhawi ta' l-Isla u Bormla, saq il-vettura b'manjiera perikoluza u b'velocita' eccessiva.

Il-Qorti giet mitluba tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2011, il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni mmarkata b'ittra "L", u cioé fejn l-imputat gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Awissu 2011, ghall-habta tas-6.00 ta' filghodu, saq il-vettura b'manjiera perikoluza u b'velocita' eccessiva, u rat ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni mmarkata b'ittra "L" u li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-kooperazzjoni ta' l-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-fatt li Susan Bianchi ddikjarat li ma ridietx tiehu passi kontra l-imputat u l-fatt li fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni  rtirata mill-Prosekuzzjoni, u cioé dik immarkata bl-ittra "L", wara li rat l-Artikoli 91, 95, 96, 216(1), 338(ee), 325, 339(1)(a), 339(1)(b), 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-ewwel hdax il-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u cioé dawk immarkati minn "a" sa "k", u tikkundannah ghal sena prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, qed jigu sospizi ghal sentejn.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda taghmel ordni ta' supervizjoni li permezz ta' din l-ordni qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' *probation officer* ghall-perjodu ta' sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-Ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima illi jinghata mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez

li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------